**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Ghasri, Ghawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/15*

Minuti tal-Laqgha Nru. 15 tal-Kunsill Lokali Ghasri (is-Sitt Terminu), li nzammet nhar it-Tlieta, 30 ta' Gunju 2009 fis-7.30p.m. fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri ohra tal-Kunsill li kienu prezenti :
Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

**I. Talba**
Fil-bidu tal-laqgha s-Segretarju qal it-talba.

**II. Minuti**
**I. Approvazzjoni**
Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-ahhar Seduta Nru. 14. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgha, dawn gew mehuda bhala moqrija.

**2. Emendi**
Ghal dawn il-minuti ma tressqux proposti ghal emendi. Ghalhekk dawn gew mehuda bhala korretti kif ipprezentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

**III. Materji mill-Minuti**
**1. "Flower Bed" fi Triq l-Ghasri**
Is-Sindku qal li f'din il-"flower bed" qed ikun innotat li qed issir hsara permezz ta' serq ta' xtieli li jkunu ghadhom kemm thawwlu u wkoll vandalizmu iehor fl-istess post. Il-Kunsill xorta se jibqa' jaghmel minn kollox halli dan is-serq u kull vandalizmu iehor jieqaf.
Fil-fatt se jitkomplew jithawwlu aktar xtieli u wkoll is-sit naghmlu minn kollox biex jinzamm fi stat aktar sabih.
**2. Tiswijiet fit-Toroq**
Skond taghrif li nghata waqt din il-laqgha, ghad fadal xi tiswijiet fit-triq tal-Migra li tghaddi minn hdejn Wied il-Ghasri ghat-Tieqa ta' Wied il-Mielah.
Is-Sur Joe Farrugia ressaq talba biex isiru tiswijiet fi Triq Ghammar aktar 'l gewwa mill-Kappella ta' San Pupulju. Il-kuntrattur ghandu jara xi hsarat hemm fit-triq imsemmija u jara li x-xoghlijiet isiru mill-aktar fis possibbli.

**3. Bini tal-Hajt fi Triq il-Fanal**
Ix-xoghol fuq dan il-hajt li kien jikkonsisti filli jinbena hajt tal-kantun fuq in-naha ta' barra u mbaghad jinkesa bil-gebel tas-sejjieh, issa tlesta. Dan l-ahhar kienet tqeghdet ic-cangatura tul il-hajt kollu u finalment din ic-cangatura tkahhlet u nzebghet biz-zejt u diesel halli tiehu kulur aktar naturali u bhala prekawzjoni kontra l-eruzjoni tal-gebla.
**4. Attivitajiet konnessi mal-Festa u mal-Gemellagg**
Din is-sena l-okkazjoni tal-festa kienet wahda memorabbli ghal-lokalita taghna. Dan peress li l-Kunsill ghamel il-preparamenti kollha konnessi mal-festa u ghall-gemellagg li qed ikunu ppjanata mal-lokalita ta' Ottenschlag.
L-attivitajiet bdew permezz ta' serata sportiva fejn f'din hadu sehem numru konsiderevoli ta' tfal mill-Ghasri u maghhom inghaqdu numru iehor ta' tfal minn Ottenschlag.
L-attivitajiet komplew tul il-gimgha tal-festa kollha u ntemmu propja l-Hadd. Tul il-programm kollu l-grupp mistieden minn Ottenschlag ittiehed izur diversi postijiet turistici u anke nzammu zjajjar f'muzewijiet u postijiet arkejologici. Fl-istess waqt inzammu laqghat ma' stituzzjonijiet edukattivi u ohrajn mill-qasam turistiku u muzikali, kif ukoll saru laqghat dwar sistemi moderni li jintuzaw fl-Awstrija ghall-izvulupp agrikolu. Inzammu wkoll laqghat dwar facilitajiet ta' akkwist ta' fondi mill-EU permezz ta' programmi tal-Leader.
L-attendenza ghal dawn il-laqghat u attivitajiet kienu numeruzi u ta' min isemmi l-prezenza ta' L-Onor. Dr Chris Said f'wahda mil-laqghat u wkoll l-attendenza ta' l-Ambaxxatrici ta' l-Awstrija ghal Malta waqt serata kulturali li nzammet.
Minn naha taghhom, il-grupp Awstrijak urew apprezzament gholi hafna ghall-mod kif il-lokalita taghna mxiet maghhom u kif il-Kunsill irnexxhielu jaghmel program ta' attivitajiet tant estensiv ghal l-okkazjoni.
Sadanittant, il-kuntatti bejnhom u l-lokalita taghna ghandhom ikomplu jigu zviluppati u fil-fatt saru arrangamenti biex bdiewa minn hawn jibghatu zrierah lill-bdiewa minn Ottenschlag halli jsiru esperimenti fuqhom fil-kundizzjonijiet taghhom.
Waqt it-tahdidiet li nzammu, ntlahaq ftehim biex fil-futur isiru skambi ta' studenti. Ghalhekk ghandu jintbaghat fuljett fejn familji mill-Ghasri jkunu mistiedna jzommu studenti minn Ottenschlag u mbaghad studenti mill-Ghasri jmorru f'dak il-pajjiz. Rigward dan, is-Sindku qal li hu jixtieq hafna li dawn l-iskambji jirnexxu ghax b'hekk it-tfal taghna jkunu jistghu jithalltu ma' tfal minn pajjizi ohra filwaqt li jikbru l-kuntatti fejn tintuza l-lingwa Ingliza. Hu qal li b'hekk ikunu wkoll jistghu jaqsmu esperjenzi flimkien.
Permezz t'hekk, is-Sindku qal li nkunu qed niffacilitaw aktar il-preparamenti li se naghmlu biex jekk kollox imur sewwa, s-sena d-diehla nkunu nistghu norganizzaw gita fl-Awstrija ghall-pubbliku ta' l-Ghasri.

**IV. Korrispondenza**

i. Memo 27009 dwar il-hinijiet tal-laqghat tal-Kunsill. Din tistabilixxi li l-laqghat jistghu jsiru biss il-5.00p.m. u s-7.00p.m.
ii. Memo 37/2009 li tistipula illi meta sid ta' art japplika ghal permess ta' zvilupp lill-MEPA, dan ghandu jaghmel garanzija bankarja favu l-istess MEPA u dan sabiex jigi accertat illi wara li jkun sar ix-xoghol, it-triq fejn ikun sar l-izvilupp0 tigi restawrata kif suppost.

iii. Memo 38/2009 fejn qed nigu mgharrfa li se jintbaghat document forma ta' fuljett bl-isem "Kodici Dwar l-Ahjar Prattici ghall-Gvern Lokali". Kopja ta' dan il-fuljett ghandha tinghata lil kull Kunsillier.

iv. Stedina mill-WasteServ Malta Ltd biex is-Sindku jattendi ghall-ftuh tal-facilita ghal rimi ta' skart fix-Xekija.

v. Minuti tal-laqgha tal-Kumitat Kongunt ghad-dawl tat-toroq, u li nzammet fil-Kunsill Lokali Zebbug nhar il-15/06/2009.

vi. Is-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said qed jibghat stedina ghal attendenza ghal seminar dwar il-wirt kulturali u l-att ta' Kurazija li se jinzamm nhar it-Tlieta 30 ta' Gunju 2009.

vii. Applikazzjoni ghal permess ta' l-izvilupp biex isiru tiswijiet fil-bini ezistenti fil-genb tal-Gholja ta' Ghammar.

viii. L-AKL baghtet tinformana li se tinzamm laqgha nhar il-Gimgha 3 ta' Lulju 2009 fid-9.30a.m. fl-Ufficcju tal-AKL rigward l-opportunita li qed tinghata lill-Kunsilli Lokali sabiex joffru "wi-fi broadband services".

**V. Mozzjonijiet**

**1. Bidu ta' Skola Sajf 2009**

Is-Sindku ressaq proposta quddiem il-Kunsill biex jerga' jibda l-programm ta' Skola Sajf ghat-tfal ta' l-Ghasri ghal matul dan is-sajf. Dan il-programm ghandu jibda ghal nofs ix-xahar ta' Lulju u l-lezzjonijiet se jinghataw mis-Sur George Mizzi li diga mexxa programmi ohra simili f'dan il-Kunsill Lokali.

Ghalhekk ghandu jintbaghat fuljett b'taghrif tal-Kunsill fejn it-tfal jigu mitluba japplikaw ghal dan il-programm. Fuq l-istess fuljett, ghandha ssir stedina biex dawk il-familji li lesti jzommu tfal maghhom li jigu mill-Awstrija, jinkitbu fil-Kunsill.

**VI Materji Ohra**

**1. Xoghlijiet fi Triq Dun Karm Caruana**

Is-Sindku qal li hu kien f'kuntatti kontinwi ricentement kemm mal-kuntrattur u mal-Perit u anke mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma fejn kien diskuss il-pjan halli jinbeda x-xoghol ippjanat fi Triq Dun Karm Caruana. Rizultat ta' dawn it-tahdidiet, ix-xoghol hu ppjanat li jinbeda ghal-nofs ix-xahar ta' Lulju.

B'hekk ma jkunx hemm interruzzjoni fit-trasport ta' studenti lejn skejjel.

**2. Lezzjonijiet tal-Germaniz**

Is-Sinj. Renance Vella Aquilina ressqet suggeriment biex nibdew noffru lezzjonijiet tal-Germaniz fil-Kunsill tul is-sajf. Hi tkellmet ma' ghalliem tal-Germaniz u dan lest li jigi jzomm il-lezzjonijiet bil-prezz ta' € 15 kull sessjoni.

Dan it-taghrif ghandu jintbaghat fuq il-fuljett lill-familji kollha halli min jixtieq ikun jista' japplika.

**3. Laqgha ma' Dr Chris Said**

Is-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said baghat stedina lil dan il-Kunsill Lokali biex hu jzomm laqgha maghna f'dan il-Kunsill stess.

Din il-laqgha hi parti minn program ta' laqghat li Dr Said qed izomm mal-Kunsilli Lokali kollha fejn se jkunu diskussi diversi suggetti.

Il-laqgha hi ffissata ghal nhar il-Hamis 9 ta' Lulju 2009 fil-10.00a.m.

Uhud mill-Kunsillieri prezenti ghal-laqgha tal-Kunsill tal-lum, wrew li fil-hin avzat huma ma jkunux jistghu jattendu.

Ghalhekk ghandha tinkiteb ittra lill-istess Dr Said fejn jintalab li din il-laqgha ssir filaghaxija u mhux filghodu peress li uhud mill-Kunsillieri jkunu xoghol.

**4. Skema "Xoghol fil-Komunita"**

L-ETC baghtet tinfurmana li se tinzamm laqgha ghal dawk il-Kunsilli Lokali li applikaw biex jippartecipaw fl-iskema mhabbra mill-ETC bl-isem "Xoghol fil-Komunita" u li tinvolvi l-assenjar ta' persuni li qed jirregistraw ghax-xoghol biex dawn jintbaghtu jahdmu 30 siegha fil-gimgha mal-Kunsilli Lokali.

Din il-laqgha se tinzamm fl-ufficcju tal-ETC fix-Xewkija nhar l-Erbgha 1 ta' Lulju 2009 fid-9.00a.m.

**VII. Hlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ipprezentata giet accettata mill-Kunsill.

Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemez mal-minuti.

Il-laqgha tal-lum intemmet fit-9.00p.m.

| | |
|---|---|
| Andrew Vella | Joe Camilleri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data : _________________